# QARĊILLA

2026

KITBA TA'

MICHAEL SPAGNOL

## PERSONAĠĠI

Abel, il-Preżentatur

Ludmilla, il-Preżentatriċi

Alfie, l-Għarus

Marjanna, l-Għarusa

Marju, in-Nutar-Purtinar

Nutara

Ġorġ

Doris

# ŻWIEĠ LA MALTIJA

BEJN

**ALFIE L-ALPHA MALE**

U

**N-NANNA MARJANNA**

QUDDIEM MARJU,
IN-NUTAR-PURTINAR

## XENA 1: IL-PODCAST TAL-QARĊILLA

| | |
|---|---|
| **ABEL** | Jien Abel Abela Abdilla |
| **LUDMILLA** | Jien Ludmilla Domitilla |
| **ABEL** | Ħbieb, nilqgħukom minn dil-villa<br>*(b'idejha: x'inti tgħid?!)* |
| **FLIMKIEN** | Għal dal-Podcast tal-Qaaar…ċilla! |
| **LUDMILLA** | Frar elfejn sitta w għoxrin |
| **ABEL** | Frar ix-xahar tan-nittinin<br>*(b'idejha: x'inti tgħid?!)* |
| **LUDMILLA** | Li jinġabru għall-qarċilla<br>Kollhom ħeġġa, kollhom qilla |
| **ABEL** | Bħall-firilla… kif tirvilla<br>Jew bħax-xaqq li jarma jqattar<br>Malli jħossu qed jitmattar |
| **LUDMILLA** | X'inti tgħid? X'inti tfattar? |
| **ABEL** | *(lil raġel fl-udjenza)*<br>Wara llejla sejjer tbattal? |
| **LUDMILLA** | Tbattal kollox mill-istonku<br>Min kitibha? Xi kanonku?<br>Kappillan, patri, qassis?<br>Ara spiċċa dal-pajjiż!<br>Qed jgħiduli li ta' Żahra… |
| **ABEL** | Kollox temmen, kemm int ħmara!<br>Dak irtira minn dax-xogħol<br>Din kitibha xi Spanjol |

**LUDMILLA** Spanjol? Veru? Kemm inħobb!

**ABEL** Marju, ruħi, waħda l-mopp
*(jidħol Marju bil-mopp)*

**LUDMILLA** L-Ispanjoli demmhom sħun

**ABEL** Jgħaffġu jħawdu jagħmlu l-qrun
Jaqaw kellek xi torero
U minn one ġabhulek żero?

**LUDMILLA** X'int ħamallu, baxx, pastaż!

**ABEL** Wieġeb, ħi, għax ġej in-ngħas

**LUDMILLA** Kelli wieħed minn Madrid
Barra… bravu, sebgħu dritt
Ġewwa… barri bla kontroll

**ABEL** Kif tiftaħlu ïl-firroll
Joħroġ rasu ħamra qroll?

**LUDMILLA** Aħjar nagħmlu l-protokoll…
Ħqħm

**ABEL** Ħqħm
Skont il-liġi tar-Reġina…

**LUDMILLA** Dik ħallietna, xi l-ħanina?!

**ABEL** Skont il-liġi tal-EU…

**LUDMILLA** Int ħbatt rasek? O Ġesù!

**ABEL** Għal kull ħaġa tgħidli le
Mhux Ġesù… mela Mosè!
Skont il-liġi ta' Mosè…

**LUDMILLA** Ħej ħej ħej, hawn x'inhu ġej?!

**ABEL**
Skont il-liġi ta' Mosè *Alleluja*
Mhux prudenza tbul mal-ħajt *Alleluja*
Għax timbokka riħ fil-bajd *Alleluja*
Jekk jidhirlek li żbaljajt *Alleluja*
Inżel kokka w busli l-bajd *Alleluja*

**LUDMILLA**
Direttur, itfilu l-mic
Itfihulu 'l dax-xifajk!
Għall-erwieħ… ftit serjetà
Għandi nota biex naqraha
Ħqħm
Jien Ludmilla Domitilla
Merħba bikom għall-qarċilla
Fars' antika, ferm qadima
B'mitt elf vers, kollha bir-rima
U salt kliem kultant… intens

**ABEL**
*(jirnexxilu jqabbad il-mic)*
Mhux intens, kliem doppju sens!
Mic test, mic check: one, two, three

**LUDMILLA**
Int hekk toħroġ, kif ġie ġie?
Isma' 'l haw', moħħok fis-sess
Kliem b'erb' ittri mhux permess!

**ABEL**
Din bil-Malti! Ma sei scema?
Tal-four letters mhux problema
Mhux se ngħid F U C K
Ftehemna, qalbi? Hekk ok?

**LUDMILLA** Ok xej', bil-Malti ħi

**ABEL**
*(jgħodd)*
Issa fhimt! O x'biċċa di'

**LUDMILLA** Fehemha ta! Aħħ kemm inħobb

**ABEL** Mhix permessa l-kelma żo…?
*(buzzer)*
Jiġifieri lanqas bajd?
*(buzzer)*

**LUDMILLA** Terġax tgħidha, tkunx taċ-ċajt!

**ABEL** Xejn ma nista' ngħid jewwilla
Dan rużarju jew qarċilla?!
*(jgħodd)*
S O R M *(buzzer)*, Ħ A X I *(buzzer)*
Ija, naf, fottejtek ħi
Nista' ngħid GĦ O X X
Ħames ittri, ħudha, tje
*(jaqta' jdejh)*

**LUDMILLA** Ħames ittri nini nini
L-għ one letter ta, ħanini
*(buzzer)*

**ABEL** Din bil-għana ħa ngħidhielek
Għax il-pura verità
Kif xabbajtni, kif dardartni
Kemm int elle i be a!
*(Wara ċ-ċapċipa, buzzer oħxon)*

**LUDMILLA** Issa oqgħod ħa nispjega

**ABEL** Imma ħaffef ta, kollega
Għax sirt propja tal-pepè
Qisek posh mingħajr il-pe
*(taħseb ftit… buzzer)*

**LUDMILLA** Kont ħa ngħidlek x'qisni jien
Igdem biċċa dak l-ilsien
Għax l-avviż hu neċessarju
Qabel jibda dad-dotarju
Erba' regoli ħa naqra

**ABEL**
E biex ġejja? Ejja, aqla’
Għax naqlagħlek balla shit
*(buzzer… jgħodd erbgħa)*

**LUDMILLA**
Iskot naqra w oqgħod dritt
*(dritt suldat maġenbha)*
One
Mhux permess tidħaq bħal qroqqa

**ABEL**
Biss, jekk tieklok, tista’ tħokkha

**LUDMILLA**
Two
Tista’ ċċapċap hekk b’idejk

**ABEL**
*(iħares lejha)*
U ċċapċapha lil ta’ ħdejk
*(buzzer)*

**LUDMILLA**
Three
Tista’ l-mobile tħallih kwiet

**ABEL**
Jivvibralek fil-qalziet… aħħ!

**LUDMILLA**
Four
Li titkaża mhux permess

**ABEL**
La bil-Knisja, la bis-sess
Il-qarċilla mhix quddiesa…

**LUDMILLA**
Il-qarċilla mhix quddiesa
Il-quddiesa mhix kantata

**ABEL**
Min iridu minn quddiem
Min iridu fil-patata

**LUDMILLA**
Il-patata mhix salami
Is-salami mhux perżut

**ABEL** Min iħobbu nadif tazza
Min iħobb riħa ta' ħut

**LUDMILLA** Imma l-ħut mhuwiex majjal
Il-majjal mhuwiex ħaruf

**ABEL** Min iridu fin u mnittef
Min iridu kollu suf

**LUDMILLA** Jgħidu t-Tina Biskuttina
Biskuttina mhix fettul

**ABEL** Min bih jagħmel ħafna xorti
Min jużah biss biex ibul

**LUDMILLA** Min jużah biss biex ibul?

**ABEL** Naħseb dan, donnu old school

**ALFIE** *(jidħol nerd bil-mustaċċi, liebes nuċċali, ġlekk u ingravata)*
X'biċċ biċċ...

**LUDMILLA** Bitch?! Min jaħbat dal-gustuż?

**ABEL** M'intix tagħrfu? Dak l-għarus!

**LUDMILLA** Dan xi ġralu? X'inhu jlaqlaq

**ABEL** Imxi 'l hemm għax qed jitbaqbaq *(joħorġu)*

## XENA 2: L-GĦARUS… U L-GĦARUSA?

**ALFIE**
X'biċċa ġratli, a Nutara

**NUTARA**
Għidli x'ġara, ejja spara

**ALFIE**
Le, ġa ġibtha…

**NUTARA**
Ee?…

**ALFIE**
…Qas sibtha!
U ħallini, ġratli biċċa
Naħseb daqt ittini sfiċċa

**NUTARA**
Tidher abjad, qisek siċċa

**ALFIE**
Mhux bilfors, bla demm nispiċċa
Jekk l-għarusa trid tiżgiċċa
Ma tridx taf, u ħarja f'wiċċha
Ħarbet 'l hemm…

**NUTARA**
…u int mur fittxha!

**ALFIE**
Trid tifqagħli ïl-bubù?

**NUTARA**
Ħu nifs twil, Bambin Ġesù
Poġġi hawn u għidli x'ġara
U mill-bidu, mhux minn wara

**ALFIE**
Bro, mill-bidu nett nett nett?

**NUTARA**
*(tonfoħ)*
Aħjar nixgħel sigarett
Ibda l-ġrajja, għidli naqra
Bis-suspans għoddni ħa naqla'

**ALFIE**

Jiena Alfie, l-Alpha Male
Ara naqra dawn l-idejn
*(jilwi dirgħajh)*

**NUTARA**

Inti alpha? Qisek sifja
X'inti tpejjep jew tisniffja?
U da' kif int alpha male?

**ALFIE**

Jiena Alfie, l-Alpha Male
Sħun binhar u sħun billejl
*(mużika senswali)*
Għas-sex dejjem kont prekoċi
B'aptit kbir, aptit feroċi
Sa minn meta kont pespus
Kont inħobb immiss u nbus
Niftakarha l-ewwel darba
L-ewwel ġirja, l-ewwel karba
Mhux żgur kelli ħdax jew tnax
*(lill-udjenza)* Sodd widnejk, inti tismax
Inżilt niġri fil-garaxx
Hemm għall-kwiet bid-dawl baxx baxx
Naħseb f'xorti b'ħafna ħeġġa
Ma' kull ħsieb tikkarga l-vleġġa
Naħseb f'xeni ta' Pierino
U r-reklam ta' Piccinino
Nagħti hemm qisni xi fenek
Għal kull film ta' Edwige Fenech
Music videos ta' Sabrina
Boys Boys Boys… illl ħa ħa ħanina
Dun Anton tgħidx kemm widdibni
"Tagħmilx hekk, mur indem, ibni"
Ippruvajt inżomm il-fidi
Imma leee… tikolni idi
Ma nħallihx minuta rieqed
Nilgħab ħamsa kontra wieħed
Nara n-news għal Miriam Dalli
Ġibtu riħa ta' kavalli

Vodka nferrex għal Morena
Nista’ nkompli jew oxxena?

**NUTARA**

Aħjar nara mal-udjenza
Għax hekk titlob id-diċenza
*(tersaq lejn in-nies)*
L-alpha male, li qisu qronta,
Jista’ jkompli jirrakkonta?
Ejja qiskom tal-pepè
Jibq’ għaddej, iva jew le?
Mela jkompli fejn ħalliena
*(tmur ħdejh)*
Qalu iva dan-nittiena

**ALFIE**

Jiena Alfie, l-Alpha Male
*(flimkien)* Sħun binhar u sħun billejl
Ħaqq, Nutara, tliftli l-fil

**NUTARA**

Ejja aqta’ fil-qasir

**ALFIE**

Anzi jiena naqta’ kbir
*(mużika senswali)*
Aħħ żeffiena tal-Brażil
Iżegilgu ïl-warrani
W jien nirriskja li nsir għami
Megan Fox u Claudia Schiffer
Kif narahom, inkun fix-xifer
Claudette Pace, Rosianne Cutajar
Noħlom bihom u nitħajjar
Narma nfajjar, narma ntajjar

**ABEL**

Ieqaf waħda, stop stop stop
Marju, ruħi, waħda l-mopp
*(jidħol Marju bil-mopp)*

**ALFIE** U xi stop, stop xejn, sabiħ
L-hena tiegħi ïnġ… *(buzzer)* nilgħab bih
*(mużika senswali)*
Ma nafx ngħidlek kemm ħadt skossi
Għal dik Valentina Rossi
Ftit għal Ira, ftit għal Chiara
Kif herrejtha din il-ħjara
Jackie Losco u Tamara
Xi kultant Agta Barbara
U Denise dik tat-tattoos
Naħseb fiha jtirli l-fuse
Clare Agius, Moira Delia
Jekk ngħid din, tagħmel għalija?

**NUTARA** Għidli…

**ALFIE** Lejla minnhom, x'waħda din
Tajtu kedd' għal Montesin

**NUTARA** Ara Doris
*(ixxejjer lil Doris fl-udjenza)*

**ALFIE** Saħansitr' għad-dlam bit-torċ
Darba ħsibt f'idejn Grace Borg
B'dawk id-dwiefer twal bil-ponta

**NUTARA** Int se tieqaf tirrakkonta?
Doris, ħi, la ġejt tarana
Ejja 'l hawn, ingħaqad magħna
Ħaffef, mhux inkiss inkiss
Nies, ċapċipa kif imiss
X'minnek, Doris, int orrajt?

**DORIS** Jien kont sew… imma b'li smajt
Bqajt imbellha, issummata
Dil-qarċilla pastażata
Forsi jiena għadni lura
Imma fejnhom taċ-ċensura?

| | |
|---|---|
| **NUTARA** | Tort ta' Alfie, l-Alpha Male |
| **ALFIE** | *(flimkien)* Sħun binhar u sħun billejl<br>Stenna waħda, ja Nutara<br>Għax dil-biċċa ħadd ma qalha<br>Għad jonqosni l-aħħar punt<br>U minn Doris bħal ħadt spunt<br>Għalkemm jien għadni żagħżugħ<br>Qatt ma nista' nieħu r-ruħ |
| **DORIS** | U għala? |
| **ALFIE** | Qatt ma nista' nieħu r-ruħ<br>Għax jogħġbuni n-nisa xjuħ |
| **DORIS** | Ejj' oqgħod…<br>E għalhekk telqet l-għarusa? |
| **ALFIE** | Naħseb, ħi, għax kif inbusha<br>Xejn ma jkolli reazzjoni |
| **NUTARA** | Kaspitina x'konfużjoni |
| **LUDMILLA** | Għeżież ħbieb, għeżież għedewwa<br>Isimgħuna f'ġieħ is-sewwa<br>Live mill-Podcast tal-Qarċilla |
| **ABEL** | Ara ħadd ma jqum jippilla<br>B'li se jiġri f'din il-farsa<br>Ta' dis-sena vera skarsa<br>Żwieġ banali għandna llejla<br>Storja ovvja, naf fejn sejra<br>Bejn għarus kwiet u nnerdjat<br>U għarusa… |
| **NUTARA** | …Qas tfaċċat. |

**ABEL** X'int tivvinta, għid, Nutara?
Kif ma ġietx? Fejn baqgħet, f'darha?

**NUTARA** Boqq!

**LUDMILLA** Ma tfaċċatx? Din kemm hi tosta!
Aħna nġbarna hawn apposta
Lanqas turi ftit rispett?
Dawn in-nies ħallsu l-biljett
Ilhom sena illi xtrawh

**DORIS** Ngħidlek nofshom iddubbawh

**ABEL** U l-għarus, dan reġa' bdielu?

**NUTARA** Le dak hawn, u kkargat ġmielu!

**LUDMILLA** Eħe? Ħsibtu ftit bla ħila
Isma'… int gerrixtha lilha?

**ALFIE** Le, jien Alfie, l-Alpha Male
*(flimkien)* Sħun binhar u sħun billejl
Għalkemm jien għadni żagħżugħ
Aħħ in-nisa nħobbhom xjuħ

**DORIS** Jaqaw dan weħlitlu d-diska?

**LUDMILLA** Doris, kalma, kemm tinfiska!
E għalhekk ma ġietx l-għarusa?

**ALFIE** Naħseb ħi, għax kif inbusha
Xejn ma jkolli reazzjoni

**LUDMILLA** Xejn ma jkollu erezzjoni?!
Ħeqq tassew li għadu żgħir
Imma x-xjenza, niżżu ħajr

Għamlet passi kbar ta' ġgant
Dan ma jafx, kemm hu 'njorant?
Jekk jibqagħlu bħall-ġuġù
Imur jibla' waħda blu

**ABEL** Wupp jiqaflu w jissodalu
F'salt id-demm sar-ras jitlagħlu
*(tkun se tagħfas il-buzzer)*
Li qed ngħid xejn mhuwa ħmieġ
Bott Viagra jsalva żwieġ
*(tidħol anzjana fuq tagħha)*

**MARJANNA** X'intom tgħidu jsalva żwieġ?
Smajtkom tgħajtu bħat-tiġieġ

**ABEL** Għala Nanna?...

**MARJANNA** *(bil-herra)*... Jien Marjanna!

**ABEL** Taf xi ġralna? Blajna kanna

**MARJANNA** Xi blajt int mhux affarija
Fejn hi qalbi n-neputija?

**LUDMILLA** Affarik, ħeqq mela mhux
Biex mal-lewża ma ndurux
Ma rridx naħsdek b'ton salvaġġ
Biss, l-għarusa ma tfaċċatx
Bla għarusa m'hemmx qarċilla
Żgur mhux forsi jew jewwilla

**ABEL** Għeżież ħbieb, għeżież għedewwa
Tistgħu tmorru f'ġieħ is-sewwa
Ara ħadd ma jqum jirvilla
Għal dis-sena xejn qarċilla
U biex żgur ħadd ma jgħid bina
Nagħlqu b'Tina Biskuttina

**LUDMILLA**
It-Tina Valentina
Valentina mhix Denise

**ALFIE**
Aħħ Denise dik tat-tpinġija?
Iċċaqlaqli ïċ-ċaċċis

**ABEL**
Amber mhix Miriana Conte
Conte mhix Claudia Fanali

**ALFIE**
Malli naħseb f'dawn il-ladies
Jittappanli ïn-nuċċali

**LUDMILLA**
Emma mhix Mary Spiteri
Mary mhix Sarah Zerafa

**ALFIE**
Ieqfu semmu nisa sexy
Għax se noħroġ iż-żafżafa

**LUDMILLA**
Iż-żafżafa mhix żummara
Iż-żummara mhix iż-żaqq

**ABEL**
U hekk nagħlqu dil-qarċilla
Nitfu d-dwal u nitfu d-daqq

**MARJANNA**
Ma tarax, da' mnejn sa fejn
Inħassruha imm' għalfejn?
M'iniex nifhem il-problema

**DORIS**
Jista' please xi ħadd ifehemha?

**ALFIE**
Ara, Nanna, aw, Marjanna
Gwaj mill-kbar issa nqalgħalna
Ngħidlek jiena kif u x'fatta
Kif illejla ħadt disfatta
Għax l-għarusa ma tridnix

**MARJANNA** Ma nifhmux dan it-tgerfix
Ma tridekx in-neputija?
X'għamiltilha mela, ħija?

**ALFIE** Ma nafx għala ma tridnix
Tgħid li raġel jien m'iniex
Għax għalkemm għadni żagħżugħ
Jien in-nisa nħobbhom xjuħ
Ix-xagħar abjad u t-tikmix
Iqabbduni ït-textix
Hekk... minn rasi sa saqajja
Speċjalment hawn bejn saqajja
Lanqas xejn, bro, ma nikkoppa
Bil-lanġas sa taħt l-irkoppa

**DORIS** Mhux għax jien jinteressani
Imm' għaliex tħobbhom anzjani?

**ALFIE** Nisa xjuħ għandhom vantaġġ:
Kif jaqbadhom naqra għatx
Jiffjakkaw, jiġuk bil-ġuħ
Għal niskwart laħam żagħżugħ
Kif jiġihom dak l-aptit
Għal tad-DewFresh u l-mazzit
Biex, kif tgħid?...

**DORIS** ...O x'għarukaża

**ALFIE** Imeċilqu ïl-gażaża
Xejn ma jkollok, bro, x'tinkedd
B'xi nofs girfa mal-pakkett
Jew mal-ġenb xi konsentura
Xejn inkwiet... intelaq lura
Għax biex jagħtu ġibda sura
Plupp kemm jobżqu d-dentatura
*(jidħol Ġorġ, ix-xhud)*

**NUTARA** Hawn xi nies qed jiskantaw
Ara x-xhud! Mel’ inti haw’?
Ħabib kbir tal-għarus tagħna
Dilettant tal-marjuwana
Ponta m’Alla, imm’ orrajt
Hemm xi ħaġa li trid tgħid?

**ĠORĠ** Ovvjament, basta tismagħni
Ħaġa ngħid fuq nis’ anzjani
Li vantaġġ hemm ieħor kbir
U bih joktor il-pjaċir
Għax lil Alfie, l-Alpha Male
*(flimkien)* Sħun binhar u sħun billejl
Il-Mulej tah ħafna doni
Postu hemm f’nofs it-Tritoni
Għax dan Alfie jarmi s-sħana
Meta jmur ma’ waħd’ anzjana
Ftit fuq ruħha u minn tagħna
Ma jġibx ftit… iġib funtana

**MARJANNA** Kif funtana? Aħħ ħa nara

**DORIS** Int aħjar tmur tagħmel qrara

**ĠORĠ** X’kont qed ngħid? Ħa nrembel ftit

**DORIS** Dak tabakk?…

**MARJANNA** …Mur ’l hemm, dak weed

**ĠORĠ** Ajma, Doris, jaqaw trid?

**DORIS** Ma nafx jien dan it-taħwid!

**ĠORĠ** Kont qed ngħid…
Ma’ anzjana jserraħ… rasu
Jibq’ għaddej bla jagħti kasu

Jibq' għaddej bla brejkijiet
U ma jiġi… fl-ebda 'nkwiet
Lanqas hi ma tħabbel sufha
B'xebgħa tadpoles jgħumu f'ġufha
Tista' torqod qisha tifla
Għax mal-pirmli illi tibla'
Kull filgħodu bl-ilma still
Ma tridx tieħu l-morning pill

**MARJANNA** Pirmli nibla' jien kemm trid
Għall-pressjoni, għall-ħadid
Għall-kolesterol fil-vini
Ġiex pakketti vitamini
Sarli l-ħin għaż-żejt tal-ħuta
Forsi nfiq mix-xatk' akuta
Dat-torpedo għall-murliti
Din għall-vulvovaġiniti

**DORIS** Din xi tkun?…

**MARJANNA** …Għall-pastizz, sweety
U f'dal-bott nagħmel pipì
Nagħmel test għall-STD

**DORIS** STD? O x'waħda di'!
Din jaqaw xiħa ġerrejja?

**MARJANNA** Stenn, ħa npixxi, dalwaqt ġejja!

**ALFIE** Aħħ din-nanna x'inhi hot
Kemm timmira dritt ġol-bott

**ABEL** Dawn x'kummiedji, stop stop stop
Marju, ruħi, waħda l-mopp
*(jidħol Marju bil-mopp)*
Hawn taqtir ma' kullimkien
Imsaħ ftit bla telf ta' żmien

**ĠORĠ**
So… Marjann, raġel kif tħobbu?
Xagħar qasir jew twil bit-toppu?
Tridu rqiq jew tridu robbu?

**DORIS**
Naħseb jiena tridlu żo…!
*(preżentatur idoqq il-buzzer)*

**ABEL**
Doris, kalma, għandek stress
Kliem b'erb' ittri mhux permess

**DORIS**
X'ħamallata, x'għarukaża
Dil-qarċilla wiiisq pastaża

**MARJANNA**
Jien inħobbhom żgħar fuq tagħhom
Siegħa buzz aħħ nieħu magħhom
Ma rridx xjuħ, irġiel bla spina
Jużawh biss naqra l-latrina
Għandi bżonn majjal u ċanga
Jien bit-tanga, huma stanga
Għandi bżonn il-laħam tari
Jitilgħuli għal fuq dahri
F'nofs il-bitħa, fuq il-bejt
Iqandluni kukkużejt
Isabbtuni, hekk, mal-art
Ngħidha biss jaqbadni l-bard
Jifqgħu bija l-gwardarobba
Iġibuni għoqda kobba
Fis-salott, fit-terrazzin
Aħħ jew fuq washing machine
Waqt li ddur, waqt li tispinnja
Jitilfuni minn did-dinja
Jitilfuni minn sensija

**DORIS**
San Ġużepp! Santa Marija!
Mhux għax jiena antipatka
Imma nsejt l'għandek ix-xatka?

**MARJANNA** Imma jiena għala biebi
Għandi waħda tieħu ħsiebi
Għandikun xi Filippina

**DORIS** Ajma ħej, min jaf, miskina
*(lin-nanna)*
Mhux għax jien jinteressani
Imma rġiel ma tħobbx anzjani?

**MARJANNA** Jien inħobbhom żgħar u lventi
Mela xjuħ kollhom patenti
Ma nħobbhomx immuskolati
Imma mbagħad mhux ċikkulati
Jien studjużi niggustahom
Seduċenti tant narahom
Bin-nuċċali ïxarrbuni
Bil-ktieb f'idhom isaħħnuni
Irrid nerd...
Irrid nerd...
Irrid nerd haw'
Irrid nerd haw', nerd hawnhekk
Bl-ingravata u bil-ġlekk

**ABEL** Żommu l-brejk, aw, stop stop stop
Marju, ruħi, waħda l-mopp
*(jidħol Marju bil-mopp)*

**ALFIE** Jiena nerd, ħeqq, minn daqshekk
Bl-ingravata u bil-ġlekk
Tista' forsi tispjegali
Għandek raġel ideali?

**MARJANNA** Mela ħi jrid ikun mogħni
Bit-talenti u bid-doni
Irid ikun...
A aħħ armat u alpha male
*(flimkien)* sħun binhar u
sħun billejl

| | | |
|---|---|---|
| | B | bravu, b'saħħtu, bumbardier<br>big brunġiel u baqqunier |
| | Ċ | ċe bit-tikka?<br>ċe bit-tikka no no please<br>ċaċċarun, mhux ċirkonċiż |
| | D | dude dimonju dominanti<br>dħuli dietro u davanti |
| | E | edukat u eleganti<br>esse jġibni eċitanti |
| | F | fabbli, fanfru, ftit furjuż<br>ffferry funny u tal-flus |
| | Ġ | ġeneruż, ġenwin, ġentlom |
| | G | u mal-G-spot galantom |
| | Għ | għajnejh fuqi, fuqi biss<br>għandu għuda kif imiss |
| | H | akka? akka… akkanit<br>kemm għalija w għall-partit |
| | Ħ | ħelu ħafna, joħloq għagħa<br>u jdaħħaqni ħa ħa ħa |
| | I | idi f'idu, ifissidni<br>ikexkixni, itextixni |
| | J | jintrigani u jaqdini<br>jaf jerfagħni u jgħollini |
| **LUDMILLA** | Insejt l-ie… | |
| **MARJANNA** | …X'għedtli, eh? | |
| **LUDMILLA** | L-ie… | |
| **ABEL** | Ieqaf ieqaf, stop stop stop<br>Marju, ruħi, ġib il-mopp<br>(jidħol Marju bil-mopp) | |
| **MARJANNA** | K | jissikkali kull kamin<br>jikkurdali l-kukkurin |

L Laburist imma lemini
lejl u nhar bil-latteċini
M mmm jagħmilli ïl-massaġġi
u jmellisni bil-mustaċċi
N din ħafifa, ħbieb, flimkien:
irrid nerd…
irrid nerd…
irrid nerd haw'
irrid nerd haw',
nerd hawnhekk
bl-ingravata u bil-ġlekk

**ALFIE** O, P, Q, R, S, T, U
Sar il-ħin…

**MARJANNA** …Mela x'ħin hu?

**ALFIE** Jien fejn naf x'ħin hu bl-arloġġ
Il-Big Ben idur bl-addoċċ
Għandi s-siegħa b'lura, hux

**DORIS** Mela int ma ġerrejtux?

**ALFIE** V, W…

**MARJANNA** Wow x'int mgħaġġel alpha male!

**ALFIE** Uuu dalwaqt isir il-lejl

**MARJANNA** X ġuvni xempju bla xinxilli
u jixxejvja l-arbuxilli
Ż ż… ż…

**ABEL** Ħoj b'erb' ittri ma tistax

**MARJANNA** Mel' jien inti, ma tarax
Ż żagħżugħ żgur jagħmilli żiżi
ajma żżżaqqi, take it easy

U dak huwa l-alfabett
Biex ikolli man perfett
Lesta!

**LUDMILLA** Le, ħi, x’lesta. Hemm iz-z!

**MARJANNA** Issa lqattni, x’hemm biz-z?
Z      zokk, zalzett, l-arblu tar-razza

**ABEL** Ittih tnejn u timla tazza
(buzzer oħxon)

**ALFIE** Jien għaġġiltek, a Marjanna
Ħalli naqtgħu ïl-kundanna
Daqshekk xbajt, bro, tħarsux lejja
Għax ħa ninżel għarkuptejja
B’qalbi tħabbat sitta sitta

**MARJANNA** U bil-vleġġa donnha dritta

**ALFIE** Maa x’mistħija, wiċċi bozza
Ġaladarba ïl-filjozza
Ma tridnix, ma tridx taf bija
Ma nafx jien din hix ħmerija
Biss, minn qalbi qed noffrilek
Tridx minflok niżżewweġ lilek?

**MARJANNA** Iva, ovvja ngħidlek yes
Ħalli fl-aħħar nagħmlu s-sess

**FLIMKIEN** Busu, busu, la tistħix
Busu, busu, la tistħix

**ABEL**

Ajma din-nanna Marjanna
Ara vera każ ta'...
Fit-tieġ tan-neputija
Kien hemm in-nanna Mer

*(mużika)*
L-għarus hi qabdet tgħannaq
Faqqgħatlu żewġ bewsiet
In-nies infexxet tidħaq
B'tan-nanna l-ħmerijiet

In-nanna ma tatx kashom
Kompliet qisha mhix hi
Tippoppa, tferfer sieqha
U tiżfen kif ġie ġie

Biex tikxef il-bizzilla
Bdiet tgħolli ïd-dublett
Iżżegleg u tiżgija
U taqbeż daqs mulett

In-nies dawritha qagħqa
Xħin żifnet mal-għarus
U f'daqqa kollha għajtu
Biex lilu tfittex tbus

Busu, busu, la tistħix
Busu, busu, la tistħix

## XENA 3: FEJN HU N-NUTAR?

**NUTARA** Qabda boloh, qabda ċwieċ
Da' x'kummiedja hu daż-żwieġ?
To be honest, b'dat-taħwid
Inqatagħli kull aptit
Ma niflaħx għal dat-tgerfix
Ħuti, xbajt, tobogħdunix
Mhux għax kiesħa jew dardira
Però sorry ħa nirtira
Ma rridx naf b'dan il-kuntratt
Kif ħa tħallsu, mingħajr VAT?

**MARJANNA** Qas jitwemmnu dawn l-istejjer
A Nutara, mur ixxejjer!
*(toħroġ in-nutara)*

**ABEL** Iss' aħjar mingħajr nutar
Xejn qarċilla… tlaqna d-dar

**ALFIE** Ħaqq ix-xjaten tal-infern
Int jaqaw taħdem mal-gvern?
Moħħok biss biex tiġri tlesti

**MARJANNA** Qallek sew, x'int fottifesti
Għadu kemm ipproponieli
U sa fl-aħħar irnexxieli
Insib soul mate fi xjuħiti
Qrun f'patattkom bil-murliti

**ALFIE** Sabet 'l Alfie, l-Alpha Male
*(flimkien)* Sħun binhar u sħun billejl
Insa, xbin, li tmur id-dar
Fittex iġri sib nutar

**ABEL** Xiex, nutar? Kif jista' jkun?
Hekk, fil-pront, mil-lum għal-lum?
Dejjem jien nibla' xi żobb
*(buzzer)*
Iva, naf… Marju tal-mopp!
Marju…

**LUDMILLA** Xiex? Nutar Marju tal-mopp?!
Dil-qarċilla vera flop

**ABEL** Marju, ruħi, isma' 'l haw'

**LUDMILLA** Mela hekk? X'affarijiet daw'

**ABEL** U int oqgħod, kemm tikkoppa
Qatt ma smajtha ta' Bużobba?
Ħeqq, dak ħareġ il-kunvent
Marju, xbin: Dan hu l-mument!

**LUDMILLA** Ma naqbilx…

**ABEL** …Ressaq mozzjoni

**LUDMILLA** Anzi… nagħmlu elezzjoni!
Bħalma jagħmlu tal-partit
Meta jaħtru xi kap ġdid

**ABEL** Aħħ inħobbha l-erezzjoni
Ejja nagħmlu votazzjoni
Ġibu l-kaxxi, ġibu l-poloz
Biċċa perspex, cheap, mill-foloz
Ħalli nħabbtu, ħalli nsabbtu

**MARJANNA** Aħħ ħabbtuni, aħħ sabbtuni

**LUDMILLA** Ħallik naqra miċ-ċuċati
Għid, min huma l-kandidati?

**ABEL** Nipproponi żewġt irġiel
Ħalli nħaffu mingħajr xkiel

**LUDMILLA** Isma', dan kumment sessista

**ABEL** Jiena raġel, mela nista'
Għandna 'l Marju, Marju Borg
U lix-xhud. Int x'jismek, Ġorġ?

**ĠORĠ** Iva, Ġorġ, jien Ġorġ Delia
Hawn għalik, għalik, għalija
Nixtieq nagħmel ħafna ġid

**LUDMILLA** Int jaqaw pejjipt il-weed?

**ĠORĠ** Iva, qalb, inħobb inpejjep
U l-pajjiż nixtieq intejjeb
Ivvutawli Ġorġ Delia
Hawn għalik, għalik, għalija

**ABEL** Ejja, Marju, għid kelmtejn
Ħa nuruhom lil dat-tnejn
Min żgur ħaqqu jsir nutar

**MARJU** Jiena?!
Hello… Marju l-purtinar
Jiena xogħli kollu sfidi
Dejjem lest hawnhekk bih f'idi
Fuq is-siġġu kwiet bilqiegħda
U nistenna bil-Vileda
Kif appena ïqattrilhom
Inkun pront u l-art nimsħilhom
Dik hi ħajti fil-preżent

**ABEL** Marju l-kink: Dan hu l-mument!
Għeżież ħbieb, għeżież għedewwa
Ivvutawlu f'ġieħ is-sewwa

**LUDMILLA** Nies, minuta riflessjoni

**ABEL** U nibdew bil-votazzjoni!
*(joħorġu l-poloz u l-kaxxi tal-voti)*

Ħej Surmast, itfa' ftit daqq
Sakemm dawn jitfgħuh fix-xaqq

**ABEL** Issa l-voti waddabniehom
U ġa lesti għoddejniehom

**LUDMILLA** Xiex, diġà? Hekk f'ħakka t'għajn?

**ABEL** Aħna pro, mal-ħaġra t-tajn
Għax għoddejthom me myself
Ivvutaw tmintax-il elf
*(minn taħt)* Marju, agħlaq il-kużakk!
Mhux kbir ħafna ïd-distakk
Ta' bejn Borg u bejn Delia
Inqas minn wieħed fil-mija
B'distakk t'erbgħa w erbgħin vot
Għandi kollox qed jirtogħod
*(drum roll)*
Rebaħ Marju l-purtinar!
Minn dal-waqt… ilħaqt nutar

**FLIMKIEN** Għax għandna 'l Marju magħna
Aħna magħqudin

**ĠORĠ** Għax għandna l-marjuwana

**FLIMKIEN** Aħna magħqudin
U magħqudin
Għax għandna 'l Marju magħna
Aħna magħqudin

**ABEL** Marju, għadda l-honeymoon
Xogħlok jibda fis mil-lum

**LUDMILLA** Trid iżżewweġ lil dat-tnejn
Lis-Sur Alfie, l-Alpha Male
U lin-Nanna, aw, Marjanna

**DORIS** Dan b'Marjanna ħa jitqanna?

**MARJU** Ta' Marjanna ħelu manna!
Tini ħamsa, Sur Delia

**ĠORĠ** Prosit, xbin, irbaħtli, ħija
Tlaqna nremblu ftit ħaxix

**MARJU** Le rrid nibda, tfixkilnix
Inti xort' għadek ix-xhud?

**ĠORĠ** L-ustja, man, kulħadd meqrud
Marju, jien bħalissa slow
Imma ovvja, noqgħod, bro

**LUDMILLA** Xhud ta' Alfie għandna 'l dana
Power station marjuwana
Għal Marjanna m'għandna 'l ħadd
Joqogħdilna ftit xi ħadd
Li lest jagħti kontribut?

**MARJU** Doris, tista' toqgħod xhud?

**DORIS** Mela żigg, jien kont fl-udjenza

**MARJU** W ejja, Dor, ħu ftit paċenzja

**DORIS** Għal dix-xiħa kollh' għanqbut?
Ħeqq, m'hemmx x'tagħmel, noqgħod xhud

**ABEL** Kollox sew, issa m'hemmx skuża
Għandn' għarus, għandn' għarusa
Xhud għaliha, xhud għalih
U n-nutar eleġġejnieh

**LUDMILLA** Manifk Marju l-purtinar

**ĠORĠ** Għandek lighter? Għandek nar?

**LUDMILLA** Mill-ħażin sejrin għall-agħar
Tista' tmexxi, Sur Nutar
Anki jekk m'għamiltha qatt
Ibda fasslu dal-kuntratt

**MARJU** Ħqħm
Ħoj inġemgħu kumpanija
Ħa taraw żwieġ la Maltija
Bejn Marjanna ta' tmenin
U s-Sur Alfie ta' tletin

**DORIS** Ħamsin sena differenza?!
Stajna ltqajna l-emerġenza!

**ABEL** Jew, għal ftit, iċ-ċimiterju

**LUDMILLA** Tist' għal darba toqgħod serju?

**MARJU** Reġa' magħna l-Karnival
Jgħajtu x-xjuħ u jgħajtu t-tfal

**MARJANNA** Aħna x-xjuħ mhux ngħajtu ta
Aħna ningħu…

**ALFIE** …aħħ araha!
Wow, Marjanna, x'inti hot

**DORIS** Kif se tħarbtu 'l dal-ġuvnott
*(lill-għarus)* In-nuċċali ġiek bil-fwar
Tridx inkomplu, Sur Nutar?

**MARJU** M'iniex nifhem x'haw' miktub

**ABEL** Emm… il-karta bil-maqlub

**MARJU** Ara thank you, x'konfużjoni
Ħalli naqra l-iskrizzjoni
Ee? X'inhu? Iss' isbaħ din
Suppost niftaħ bil-Latin
Jiena skola qatt ma mort

**ABEL** W int ivvinta, m'għandekx tort

**MARJU** *(ixoqq l-għaraq, jimsħu bil-mopp)*
Fuq leminus est l-għarusum
U l-għarusas fuq xellugum
Habemus żwieġus osanna
Lis-Sur Alfie u 'l Marjanna
Illum b'kelma se jintrabtu

**ALFIE** Ħalli llejla, bro, nissabbtu

**MARJANNA** Ajma, qalbi, x'inti goff
Madoff

**MARJU** Se jintrabtu b’rabta ċoff
Iniziarium il-kuntratt
Li ma jista’ jħollu ħadd
Ħadd ma jħollu dal-kuntratt
U la issa u la qatt
Għal daż-żwieġ tassew speċjali
Għandna x-xhieda bir-rigali

**DORIS** Rigali?! X’rigali?

**ĠORĠ** Nibda jien, ħa ntikom flat
Ġo art verġni ODZ
Xi mkien f’nofs il-Wied tas-Swieqi
Flat imdawwar b’ħafn’ għelieqi
Ħalli tkabbar xebgħa weed
U tpejjipha kull xħin trid
Flat armat imm’ għadu shell
Veru mdawwal imm’ għad-dell
Flat sabiħ, state-of-the-art

**MARJU** F’liem sular?…

**ĠORĠ** …Naħseb taħt l-art
Jew fin-nofs inkella fuq
Miżmum sewwa, biss mitluq
Fuq il-bejt għandu l-pannelli

**MARJU** Ġorġ, bil-mod, ma nafx nispelli
*(ilissen pan-nel-li*)

**ĠORĠ** Kif, bil-mod? Dan flat unique
Għadu ġdid, veru antik
Mingħajr dawl, bil-generator
Taraġ, lift u escalator
Fuq pjan wieħed, pjan terran
Ħoxnin karta ïl-ħitan
Garaxx wiesa’ bid-drive-in

Vojt, biss ready-to-move-in
Lest minn kollox, fuq il-pjanta
Ikteb hemm, x'inti tiskanta?
Deal bħal dan sar rarità
Id-disinn ċelebrità
B'ħafna kmamar, open plan
Prime location, bogħod mill-ġenn

**MARJU** M'għedtx pass bogħod minn Paċevill?

**ĠORĠ** Imma n-neighbour Ben Camille
Flat bħal dan ma rajtu qatt
Niżżel kollox fil-kuntratt
Forn ikessaħ, friġġ issaħħan
Tork tat-taraġ jarma jdaħħan
...bħali reggae! Għandek nar?
*(in-nutar jagħmel le b'rasu)*
X'inhu ġwejjed dan-nutar
Xi mument ejja sal-flat
Ħalli nifqgħu sigarett
U nitilgħu hemm fuq nett
E semmejtu l-parapett?
*(le b'rasu)*
Parapett m'għandix, tkunx tost
Imm' hemm ġnien, naħseb, suppost
F'nofs il-ġnien funtana tnixxi
B'dis-sirena qiegħda tpixxi
Ġo id minnhom għandha ġarra
Fl-oħra xejn biż-żejża barra
U hemm sala kollha frosti
Qabda toys għax-xow esposti
Naħseb hemm xi erbatax
Toilet kbir ma jifflaxxjax
Imma mbagħad hemm toilet spare
B'naqra banju open-air
Il-ġiex btieħi ïmsaqqfin

L-aperturi magħluqin
Privatezza assoluta
Ħalli nrembel, żomm minuta

**MARJU** Wow dal-flat sabiħ immens
Fuq il-binja hemm xi ċens?

**ĠORĠ** Le, dan freehold, bla permess
L-application fil-proċess

**MARJU** Ma' kull liġi l-flat konformi?
Kull emenda fir-riformi?

**ĠORĠ** Jien bil-liġi nimsaħ sormi

**MARJU** Prosit, Ġorġ, dal-flat enormi

**ĠORĠ** Flat mill-kbar… xi tmien pulzieri

**MARJANNA** Tmien pulzieri x'jiġifieri?
Tmien pulzieri kemm square meters?

**ALFIE** Naħseb twenty centimeters

**DORIS** Twenty?…

**ĠORĠ** …Żelaqlek fil-penti

**MARJANNA** Irrid għox…
Irrid għox…
Irrid għoxrin ċentimetru
Mhux irqiq donnu skanetru
Naqra oħxon boċċu boċċu
Ħalli nħossu meta rrossu
Boċċu boċċu jkun fih qabda
Hekk inħobbhom u bil-qabda

**MARJU** Ħoj Marjann, żomm mas-suġġett
X'konn' qed ngħidu dwar il-flat?

**MARJANNA** Dana flat? Dana gabuba

**ALFIE** Fih għoxrin, daqs dil-lembuba

**LUDMILLA** Il-lembuba trid l-għaġina
U l-għaġina trid id-dqiq

**ABEL** Imma d-dqiq mhux semolina
Tridu boċċu mhux irqiq

**LUDMILLA** Turnavit irid l-istilla
Jekk mhux stilla jrid ix-xaqq

**ABEL** Imma jekk ix-xaqq mhux wiesa'
Fittex niżżel il-kużakk

**LUDMILLA** Fjamma nar trid sulfarina
Sulfarina trid iż-żnied

**ABEL** Sulfarina rasha ħamra
Bħal-lembuba ġol-qalziet

**LUDMILLA** Il-kanun irid il-porvli
U ïl-porvli jrid in-nar

**ABEL** Meta n-nar imiss mal-porvli

**ALFIE U MARJANNA** Qisna qtates ta' Jannar

**DORIS** X'ħamallata, x'għarukaża
Dil-qarċilla wisq pastaża

**MARJU** Doris, ruħi, ir-rigali
Bħala xhud x'għandek speċjali?

**DORIS** Sur Nutar, jien m'għandi xejn

**MARJU** M'għandek xejn, da' mnejn sa fejn?

**ĠORĠ** Int taf x'għandek? Ħafna nejk
Dejjem trekken, tiġbed lejk

**DORIS** Skużi, jien ġejt nara farsa
Tgħidli xejn, il-vera skarsa
*(tfittex fil-basket)*
Għandi sprej għal meta tagħtas…
Flixkun ilma… pakkett qratas…
Dawn iċ-ċwievet… dil-buttuna…
Ok, sibt, għandi kuruna

**MARJANNA** *(idejha ma' rasha)*
iii kuruna?…

**DORIS** …tar-rużarju

**ABEL** Bla rigali m'hemmx dotarju
Bla dotarju m'hemmx qarċilla
Ara ħadd ma jqum jirvilla
Grazzi ħafna, Sur Nutar
Tlaqna, ħbieb, ilkoll għad-dar

**MARJANNA** Ħaqq, terġax, tħassarli l-festi
Aħn' hawnhekk għadna mhux lesti
Bla rigali xorta mmexxu
Bil-kuntratt it-tnejn nirnexxu
Aħħ u llejla ħa ninfexxu

**ALFIE** Jiena lest, kif tgħidli nbexxu

**MARJANNA** Qabel nagħlqu dal-ftehim
Mhux ħa nieħu ħafna ħin
Tiġux tgħidu kemm jien fitta
Imma ħej ħa napprofitta
La quddiemna hawn nutar
Ta' tmenin ikun aħjar
Illi naħtaf il-mument
Naqbad nagħmel it-testment

**ABEL** It-testment?!

**MARJANNA** ...Tibdiex bil-qrid!

**MARJU** Għat-testment neħtieġ fajl ġdid
Black on white għall-garanzija
Fih inniżżel kull stqarrija

**MARJANNA** Għal kull biċċa donazzjoni
Ħsibt fit-tul, ħadt deċiżjoni
Domt intella', domt inniżżel

**MARJU** Li tistqarr jien hawn ħa nniżżel
Tlaqna, Mer, jien ftaħt il-fajl

**MARJANNA** Kemm toqgħodli doggy style
Bħal min jaqla' dawn l-għotjiet

**MARJU** Kulma ngħidu hawn sigriet
U jinqara meta tmut

**MARJANNA** Għajnejk f'sormi, ja qallut

Jien ħa nħalli ħafna ġid
Dil-bandiera tal-partit
U dal-ġlekk isfar banana
Lil ħadd ħlief Ricky Caruana

Għandi bibbja ħa nħalliha
Għax ma nafx x'se nagħmel biha
Bħala għotja, rigal ċkejken
Lis-Sur Max tal-Bajd u Bejken

X'għandi aktar? Ija, mask
Infurrata bid-damask
Sanitizer għall-idejn
Ħa nħallihom lil Charmaine

U ħa nħalli flokk skullat
Riċipettu inkaxxat
Xorz qasir ta' Hello Kitty
Lill-għażiża Zija TT

Nixtieq nagħti dal-ballun
Li kont sraqtu mill-Ħamrun
Torri kbir u żewġ kastelli
Lill-bla flus Joseph Portelli

Għandi moxt u għandi mqass
*(lin-nutar)* Ejja niżżel, x'inti ċass
Inħallihom hawn puliti
Lil Andre, dak tal-Graffitti

U ħa nħalli dal-oġġett
Jaqbad pront mal-internett
Bi screen kbir, case tal-ħadid
Lil Keith Schembri mobile ġdid

Għandi treadmill u skoss weights
Ħa nħallihom liż-żewġ mates
Illi jmorru l-gym kull ħin
Lis-Sur Alex u lill-Prim

**MARJU** Aħħ xi brim

**MARJANNA** Lill-għażiża President
Rigal sew, bla preċedent
Ftit ħobż niexef, qamħirrun
Ħalli titma' lill-pagun

Għotja ġmielha, mhux inħarref
Lill-gustuż Jason Micallef
Mhux minn Lecce jew Carrara
Minn Ta' Qali għandna żrara

**MARJU** Int kemm tgħaġġel? Qed inbati

**MARJANNA** Dal-bott Bovril nixtieq nagħti
Għal ma' boqqa brodu sħuna
Lill-Arċisqof Charles Scicluna

U biex nagħlqu dat-testment
L-aħħar għotja, verament

**ABEL** Ejja, ħi, il-ħin skadielek

**MARJANNA** Ħamsin litru ilma mbierek
Frisk minn Lourdes, tas-Sacre Cor
Għall-kittieb nittien Spanjol

**MARJU** Xogħli lest, lestejtha l-parti
Ħażżiżt kollox fuq il-karti
Iżda rridu lin-nutara
Biex b'għajnejha ddur u tara
Li fil-kitba kont fidili
Għal kull prassi nutarili

**NUTARA** Kont għaddejja minn hawn b'ċikka
Ġib lil hawn ħa narah tikka
Ommi ma l-kaligrafija
Kitba mħanżra, ħenn għalija
Naħseb jgħaddi, ejja mmorru

**MARJU** Dan-nutara kemm igorru

**NUTARA** Kemm ngħidilkom bi prudenza
Dan ħlas extra... Konsulenza!

**MARJU** Ersaq biċċa ħa niffirma
B'din il-pinna dritt mit-tirma
Riħa taqsam ta' kokò
Jien niffirma, biss però
In-nutara tissiġilla

**FLIMKIEN** B'dan it-timbru dil-qarċilla

**LUDMILLA** Fl-aħħar ħlisna f'ġieħ is-sema
Ħbieb, narawkom daż-żmien sena!

**ABEL** Stenna...
Issa li l-qarċilla lesta
B'dan l-ilsien ħa nagħmel festa
Ta' b'erb' ittri, kemm inħobb
Nista' ngħidha, fl-aħħar: ż...

**LUDMILLA** STOP!

**ABEL**

Kemm insibek eżatt f'...għajni
Tal-kitarra, tista' tgħinni?

Forsi mhux permess li ngħidhom
U li nsemmi l-partijiet
Imm' għal tiegħu u għal tagħha
Għandna ħafna ismijiet

Nibdew b'tiegħu, ħqħm

Il-firilla, il-fajjenza
Il-gerwiela, il-kanun
Il-musmar tal-penitenza
Il-pesisa, il-muntun

Aj aj aj bik jien xejn ma nista' ngħid
Aj aj aj ajma żaqqi, x'int taċ-ċajt

Il-ħanżir, martell u mazza
Il-kaptan, il-ġeneral
Il-bubun, l-arblu tar-razza
Il-braġjolu, l-annimal

Aj aj aj bik jien xejn ma nista' ngħid
Aj aj aj ajma żaqqi, x'int taċ-ċajt

Il-gear lever, kukku, duda
Il-fartas, l-għodda, 'l-pakkett
Ix-xadinu, il-geduda
Il-piżellu, iz-zalzett

Aj aj aj bik jien xejn ma nista' ngħid
Aj aj aj ajma żaqqi, x'int taċ-ċajt

Issa tagħha, il-Bambin magħna

Il-pastizz, il-kukklu, 'ċ-ċuċċu
L-ATM, il-pussy cat
Il-garaxx, il-fjura, 'l-muċċu
Zizzu, fufu u l-farfett

Aj aj aj bik jien xejn ma nista' ngħid
Aj aj aj ajma żaqqi, x'int taċ-ċajt

Il-bezzun, il-pizu, 'l-pejxu
Il-fellus, il-figorin
Il-ġurdien, l-anġlu, il-mejxu
Il-beċċun u ċ-ċiċċolin

Aj aj aj bik jien xejn ma nista' ngħid
Aj aj aj ajma żaqqi, x'int taċ-ċajt

Il-maqrut, il-qasma l-kbira
It-triangle, il-karus
Hot cross bun, qagħqa tal-ħmira
Il-card reader u l-qattus

Aj aj aj issa fl-aħħar nista' ngħid
Aj aj aj ajma żobbi, ajma l-bajd

# Il-Qarċilla 2026

**KITBA**
Michael Spagnol

**PRODUZZJONI U DIREZZJONI**
Joseph Galea

**ATTURI**
Karl Schembri
Laura Privitelli
Christine Francalanza
Ryan Galea
Rachel Micallef
Matthew Balzan
Fabio Mifsud
Maria Galea Farrugia

**ARRANĠAMENTI U DIREZZJONI MUŻIKALI**
Mro Etienne Spiteri

**MUŻIĊISTI**
Joshua Farrugia
Joseph Lucas
Christian Fenech
Renè Barbara
Georg Zammit

**ASSISTENTA TAL-PRODUZZJONI**
Svetlana Camilleri

**PROPS U SETT**
Michael Carol Bartolo

**KOSTUMI**
Teatru Manoel
Dorothy Ebejer
Graziella Sammut

**DISINN TAD-DAWL**
Fabio Mifsud

**IRTOKK**
Make-up by Dea
Deandra Bugeja

**FOTOGRAFIJA**
Dorian Bugeja

**ĦAJR SPEĊJALI**
Thomas Pace
Olvin Vella
Trevor Zahra

**DISINN GRAFIKU**
Outlook Coop



FESTIVALS Malta

SPAZJU KREATTIV

HORIZONS

L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI